**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**-vs-**
**Matthew Camilleri, detentur tal-Karta tal-Identità Nru.529286M**

*Kumpilazzjoni Nru.123/2019*

Illum, 7 t'Ottubru, 2024

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Matthew Camilleri** u ċioè talli:

1. Nhar it-13 ta' Frar, 2019 għal ħabta tad-9:00 ta' filgħaxija minn ġewwa ħanut bl-isem Maypole Confectionery sitwat fi Triq il-Qalbiena Mostin, Mosta, ikkometta serq ta' flus kontanti għad-dannu tal-Kumpanija Maypole Shops Ltd., liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-ħin bi ksur tal-Artikoli 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Ukoll talli fid-data, lok u ħin imsemmi qabel, kiser il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest hekk kif mogħtija lilu nhar il-10 ta' Mejju, 2012 b'digriet tal-Maġistrat Dr. Neville Camilleri LL.D. bi ksur tal-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Ukoll talli fid-data, lok u ħin imsemmi qabel, ikkommetta reat waqt sentenza operattiva ta' probation ai termini tal-Kapitolu 446, hekk kif mogħtija nhar it-22 ta' Jannar, 2018 mill-Maġistrat Dr. Aaron Bugeja LL.D., liema sentenza hija meqjusa assoluta u ma tistax tinbidel.

> Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija tikkonsidra lil Matthew Camilleri bħala reċidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawża" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fit-2 ta' Frar, 2024.

Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret fis-26 ta' Marzu, 2024, meta l-akkuza ġiet moqrija u nbdew il-proċeduri.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

<u>L-Ewwel Imputazzjoni</u>

L-**Ispettur Godwin Scerri** beda biex jispjega kif l-Għassa l-Qawra rċeviet rapport kif ħanut tal-Maypole Confectionery fil-Mosta, xi jumejn qabel, kien safa misruq ammont ta' flejjes mill-cash register. Għalhekk hu mill-ewwel talab ghal cctv footages u minn fuqhom lemaħ l-imputat, persuna magħrufa mal-Pulizija, jistenna lit-tfajla wara l-*counter* tidhol il-ġewwa biex dawwar idejh ghal cash register u fetaħ il-kexxun minn fejn seraq ammont ta' flus, ċirca €350. Tali filmat hu esibit.[1] Esebixxa wkoll 14 il-ritratt, stills mill-footage, li fihom jidher tassew l-imputat jaċċedi ghal cash register.[2]

Ġie esibit il-**Current Incident Report**[3] li sussegwentement kien ikkonfermat minn **PC1551 Kenneth Mario Muscat**.[4] Jingħad kif ċertu Daniela Grech għamlet rapport li jumejn qabel kien daħal persuna fil-ħanut fejn taħdem u, wara li stenna li tinqeda u titlaq mill-ħanut persuna oħra, staqsiha jbiegħux tape għaliex ried jagħlaq xi kaxxa li kellu fil-vettura tiegħu. Ghalkemm ma kienux ibiegħu tape u biex tgħinu tagħtu *tape dispenser* u hu ħareġ mill-ħanut. Kif ma kien hemm ħadd fil-ħanut daħħlet fl-uffiċju w bagħtet email u kif ħarġet sabet l-istess persuna li rritorna t-tape dispenser. Dan kien għal-ħabta ta 20:54hrs. Malli ġiet biex taqdi klijent ieħor nnotat flus maqlugħin minn posthom fil-cash register u hemm intebħet li kienet ġiet misruqa. Mis-cctv innotat lil dak li staqsa għat-tape,

---

[1] Fol.52. Filmat **Dok.GS2** a fol.56
[2] Fol.57
[3] **Dok.GS4** a fol.58-60
[4] Xiehda a fol.71 et seq

malli hi daħħlet tibgħat l-email, jiftaħ il-kexxun tal-*cash register* u jieħu flus kontanti li jammontaw ghal tlett mija u ħamsin Ewro (€350).

Daniela Grech, il-kaxxiera fiż-żmien is-serqa, iddeskriviet kif għall-ħabta ta' 8.30pm ġuvni daħal il-Maypole u staqsieha għat-tape. Tagħtulu, qalilha li kien ser iġibulha lura w kompliet b'xogħolha. Wara li għaddew xi għaxar minuti ġie lura w rritornalha t-tape. Kien biss meta wasslet biex tagħlaq il-cash li ndunat li kienet nsterqet, peress li sabet xi €300 neqsin. Meta raw is-cctv *"rajtu iddaħħal idejh, fetaħ il-cash u ha il-flus"*. Semmiet kif setgħet tidentifika l-imputat fuq il-filmat mill-ħwejjeġ u żarbun li kien liebes.[5]

**Stephania Calafato Testa**, Assistent Reġistratur, ippreżentat sentenzi mogħtija fil-konfront tal-imputat mill-Maġistrat Dr. Carol Peralta nhar it-18 ta' Diċembru, 2012 fejn ġie kkundannat sentejn priġunerija;[6] mill-Maġistrat Dr. Aaron Bugeja nhar it-22 ta' Jannar 2018[7], fejn ingħata Probation, u mill-Maġistrat Dr. Doreen Clarke fit-28 ta' Novembru, 2012 meta intbagħat erba' snin priġunerija.[8] Dawn is-sentenzi sabu l-imputat ħati ta' serq u għalhekk ġie pruvat l-adebitu tar-reċidiva ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali.

<u>Filmati</u>[9]

Fis-silta tal-filmat XVR_ch2 fil-ħin ta' 20:53 jidħol 20:54:12 jidher l-imputat joħroġ u jieqaf għall ftit sekondi w hu u jħares lura lejn il-ħanut jidher ċar wiċċu. Fil-filmat XVR_ch4, issa bil-kulur fil-ħin 20:54:13, jidher l-imputat iħalli l-ħanut fejn fl-istess ħin idaħħal idu fil-but ta' wara. M'hemmx dubbju dwar l-identifikazzjoni tiegħu. XVRch_3 Camilleri jidher jistenna bit-*tape dispenser* mal-*cash counter* u ftit sekondi wara (20:52:54), jidher jiftaħ il-kexxun tal-cash register, idaħħal idejh fil-cash u jieħu karti tal-€20. Fil-20:54 fuq VXR_ch5 jidher minn angolu differenti jagħmel l-istess manuvra b'wiċċu dejjem għassa lejn in-naħa ta' wara tal-ħanut.

Għaldaqstant fid-dawl tal-provi skjaċċanti li ġew preżentati l-Qorti ma għandha l-ebda diffikultà tiddetermina li l-ewwel imputazzjoni kif ukoll l-addebitu tar-reċidiva ġew pruvati lill' hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni.

---

[5] Fol.77-79

[6] **Dok. SCT1** a fol.90-95. Prova tal-identità saret bix-xiehda tas-**Supt. Priscilla Caruana Lee** a fol.106

[7] **Dok.SCT2** a fol. 96-97

[8] **Dok.SCT3** a fol.98-105

[9] **Dok.GS1** a fol.56

It-Tieni Imputazzjoni

Din l-imputazzjoni dwar ksur tal-kundizzjonijiet dwar ħelsien mill-arrest baqgħet mhux pruvata tenut kont li ma ġie preżentat l-ebda digriet li bih l-imputat ingħata l-ħelsien mill-arrest mill-Maġistrat Dr. Neville Camilleri.

It-Tielet Imputazzjoni

M'hemmx dubbju li l-imputat ikkommetta reat meta kien taħt ordni ta' Probation mogħti mill-Maġistrat Dr. Aaron Bugeja nhar it-22 ta' Jannar 2018.[10] Dik l-ordni ingħatat wara li Camilleri kien instab ħati talli nhar l-24 ta' Awissu 2015 kien għamel ħarba sempliċi minn St. Marija Rehabilitation Centre f' Ħal Farruġ kif ukoll talli rrenda ruħu reċidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali.

Artikolu 23 tal-Att dwar il-Probation

Għaldaqstant a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, billi l-imputat, qed jinstab ħati li kiser il-provvediment tal-Artikolu 7 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, impost fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Dr. Aaron Bugeja fit-22 ta' Jannar 2018[11], qed tittratta miegħu għall-imputazzjonijiet li dwarhom kien tpoġġa' taħt tali ordni daqs li kieku għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem din il-Qorti ghal dawk l-imputazzjonijiet.

Il-Piena

A. Għall-imputazzjonijiet odjerni

Il-Qorti fil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar piena qieset il-karattru refrattarju tal-imputat, li minkejja li nghata numru ta' opportunitajiet biex jirrijabilita ruħu, baqa ma weriex impenn veru biex jagħmel dan iżda għażel li jwarrab l-għajnuna u minflok imbarka fuq karriera ta' serq li bdiet sa mill-2004. Ittieħed kont tan-natura tar-reati li qed tinstab ħtija fuqhom kif ukoll li l-imputat hu reċidiv, inter alia, ai termini tal-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali.

B. Piena għal ksur ta' ordni ta' Probation.

[10] **Dok.SCT2** a fol.96-97

[11] **Dok.SCT2** a fol.96-97

Il-Qorti qed tikkunsidra li fiż-żmien tar-reat li dwaru instabet hija, l-imputat kien qed isegwi programm biex jegħleb il-vizzju tad-droga. Inoltrè l-imputat sar reċidiv u din għandha tittieħed in konsiderazzjoni fil-piena li ser tiġi erogata għas-sejbien ta' ħtija għar-reati kommessi fl-2015.

Illi l-artikolu 151 jikkontempla piena ta' bejn sitt xhur u sena prigunerija. Minn naħa l-oħra l-artikolu 33A jipprovdi li:

> **33A.** (1) Meta jsir xi reat minn persuna waqt li tkun priġunier il-piena għal dak ir-reat fil-każ ta' sejbien ta' ħtija għandha tiżdied bi grad jew tnejn ...........

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 261(ċ)(f), 267, 270, 279(a), 280(1) u 289 tal-Kodiċi Kriminali, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni imputazzjoni issibu ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra inkluż dwar l-adebitu tar-reċidiva u tikkundannah **tnejn u tletin (32) xahar priġunerija.**

Inoltre, wara li rat l-artikoli 7, 21 u 23 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, u reġgħet rat l-artikoli 151, 49, 50 u 33A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed titratta mal-ħati dwar l-imputazzjonijiet li dwarhom instab ħati fit-22 ta' Jannar, 2018, daqs li kieku għadu kemm ġie dikjarat ħati u konsegwentement qed tikkonferma is-sejbien ta' ħtija kif jirrizulta minn dik l-imsemmija sentenza u tikkundannah għal **sena (1) priġunerija**.

B'hekk l-imputat għandu jservi b'kollox **erba' u erbghin (44) xahar priġunerija** li minnhom għandu jitnaqqas iż-żmien li l-imputat għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-każ.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**